Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit***

Il-Pulizija

(Spettur Robert Vella)

Vs

Jacob Rakban

Illum 24 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Jacob Rakban, 23 sena, iben Hussam u Maris (Stella Maris) nee' Bartolo, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Jannar, 1994 u residenti gewwa Binja Qlejgha, Block C, no. 38, Triq ir-Regimenti Maltin, Mtarfa, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 50794 (M).

L-imputat gie akkuzat talli nhar it-22 ta' Novembru, 2017 ghal habta tal-11.00 ta' filghodu gewwa l-lokalita' tal-Pieta';

1. Bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ACB 287 ghad-dannu ta' Mary Rose Gatt u/jew ta' persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipenti mill-volonta'

tieghu u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta’ elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni ACB 287 ghad-dannu ta’ Mary Rose Gatt u/jew ta’ persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Ewro (€ 250);
3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel reat ta’ serq minn gewwa vettura tal-ghamla Land Rover bin-numru ta’ registrazzjoni EBH 757 ghad-dannu ta’ Evan Camilleri u/jew ta’ persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta’ elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;
4. U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Land Rover bin-numru ta’ registrazzjoni EBH 757 ghad-dannu ta’ Mary Rose Gatt u/jew ta’ persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€ 2,500);

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma’ Jacob Rakban bhala recidiv ta’ sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta’ l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti cioe’ il-fedina penali tal-imputat, ic-certifikat tat-twelid, iz-zewg certifikati medici mahruga mill-isptar Mater Dei, il-case summary mahruga ukoll mill-isptar

Mater Dei, id-dikjarazzjoni ta' r-rifjut ta' l-jedd ghal parir legali u prezenza ta' Avukat jew Prokuratur Legali waqt l-interrogazzjoni, l-istqarrija ta' l-imputat, il-PIRS Report.

Rat li ghal imputat dehret Dr. Josette Sultana bhala Avukat ta' l-Ghajnuna Legali peress li l-imputat huwa nieqes mill-mezzi finanzjarji.

Rat li dehret ukoll l-Ufficcjal ta' l-Probation, Svetlana Bezzina li infurmat lil Qorti dwar l-andament ta' l-imputat.

Id-difiza ma kkontestatx il-validita' ta' l-arrest u ghaldaqstant il-Qorti qieset li huwa gustifikat u tikkonvalida l-istess arrest.

L-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Robert Vella qara l-akkuzi bil-gurament.

Sar l-ezami ta' l-imputat fejn wiegeb li hu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Il-Qorti taghtu ftit zmien ghal ripensament u l-imputat tenna l-ammissjoni tieghu.

F'dan l-istadju d-difiza talbet bla pregudizzju li tinhareg ordni ta' trattament fil-konfront ta' l-imputat rigwardanti l-problema li ghandu tad-droga u li jintbaghat il-Forensic Unit ta' Monte Karmeli.

Din it-talba ma gietx oggezzjonata mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Decide</u>**

Il-Qorti tikkundanna lil imputat ghal sena prigunerija, tordna li tinhareg ordni ta' trattament fil-konfront ta' l-istess imputat rigwardanti l-problema li ghandu tad-droga u tirrikomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat ikun jista' jsegwi programm ta' riabilitazzjoni addattata ghas-sitwazzjoni tieghu u li jkun stazzjonat fil-Forensic Unit ta' Monte Karmeli.

*Dr. Yana Micallef Stafrace*

**Magistrat**